

Dr John Debono

# L-Istatwa Titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu fil-Parroċċa ta' Ħal Lija*

Din is-sena jaħbat il-mija u ħamsin sena minn meta l-istatwa titulari tat-Trasfigurazzjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, xogħol kapulavur ta' l-istatwarju Carlo Darmanin, ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba ġewwa Ħal Lija.

**Il-vara titulari tas-Salvatur**

Ġie mniedi konkors għall-kummissjoni ta' din l-istatwa li għalih applikaw ħames statwarji b'mudelli differenti.[1] Fost dawn il-mudelli ntgħażel dak ippreżentat mill-istatwarju Carlo Darmanin. Kien fih sitt figuri, Ġesù bejn Mosè u Elija flimkien mat-tliet appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni magħżula biex jitilgħu fuq il-muntanja Tabor miegħu.[2]

Normalment kien ikun il-kappillan flimkien ma' xi prokuraturi tal-parroċċa li jkunu responsabbli minn dawn it-tipi ta' kummissjonijiet. Għal din l-opra kienu Antonio Mallia,[3] negozjant, flimkien ma' Michele Attard,[4] ħaddiem fil-ġebel u t-tnejn minn Ħal Lija, li ħadu l-inizjattiva biex issir din il-vara titulari. Kien il-mudell ta' Carlo Darmanin li ġie magħżul, għalhekk f'Diċembru 1862, hu kiteb f'isimhom lill-awtoritajiet ekklesjastiċi għall-permess meħtieġ.[5] Biex jasal għall-deċiżjoni l-Isqof talab il-kummenti tal-kappillan Salvatore Parnis. Il-kappillan, min-naħa tiegħu, għamel xi kundizzjonijiet: fosthom li l-istatwa ma tistax tinġarr qabel ma jsir il-ħlas dovut, li tkun mogħtija lill-parroċċa u hekk jiġi rinunzjat kull dritt fuqha. Hu nsista wkoll li tintrefa' proċessjonalment mill-fratelli tas-Santissimu Sagrament.[6] Fil-5 ta' Jannar 1863 l-Isqof ħareġ id-digriet meħtieġ għal dan il-għan.

Fil-25 ta' Frar 1863 Mallia u Attard ikkummissjonaw lil Carlo Darmanin biex tinħadem din l-istatwa tat-Trasfigurazzjoni biż-żewġ figuri ta' Mosè u Elija fl-istess xena, skond il-mudell.[7] Din l-istatwa kellha tiġi esegwita mill-kartapesta, mogħtija ż-żejt il-lewż u ndurata skond kif titlob l-arti. Il-pedestall u l-bradella maħduma mill-injam aħmar jew tal-punent riedu jkunu bi skultura bass riljiev. L-ilbies ta' l-istatwi u l-kulur

---

* Dan l-artiklu qiegħed jiġi ppreżentat b'xi tibdil wara li kien deher għall-ewwel darba fl-1994: J. Debono, 'L-Istatwa Titulari tas-Salvatur', *Ħal Lija Ħarsa Lej l-Imgħoddi*, ed. Ġ. Fenech, Malta 1994, 43-50.

[1] Sfortunatament ma nafux x'kienu l-kundizzjonijiet ta' dan il-konkors, min kienu il-ħames konkorrenti u b'liema tip ta' materjal ippreżentawh. F'dik il-ħabta, madwar nofs is-seklu dsatax, kien hemm numru sewwa ta' statwarji jaħdmu ġo pajjiżna. Fosthom insibu lil Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875), Xandru Farruġia (1791-1871), Salvatore Psaila (1798-1871), Salvatore Dimech (1804-1886), Giuseppe Vella (1802-1866), Giovanni Darmanin (c.1817-1908), Gerolamo Darmanin (1834-1879) u Vincenzo Maria Cremona (1851-1912).

[2] Dan il-mudell għadu jinstab fil-mużew tal-parroċċa, għal min jinteressah. Aktarx li ma twettaqx dan il-mudell b'sitt figuri għax kien ikun tqil wisq biex jinġarr proċessjonalment. Għal aktar dettalji ara Ġ. Fenech, 'F'Għeluq il-125 sena ta' l-Istatwa tas-Salvatur', *Villa Lija*, Lulju 1989-April 1990.

[3] Antonio, iben Michele Mallia u Anna Stivala, twieled fit-2 ta' Marzu 1825: A(rkivju) P(arrokkjali) L(ija), Liber Baptizatorum, vol. iv, f. 275. Hu miet fit-13 ta' Ġunju 1904: APL, Liber Defunctorum, vol. vi, pp. 78-9. Ħajr lil Dun Ġ. Fenech ta' din l-informazzjoni.

[4] Michele Angelo, iben Angelo Attard u Katerina, twieled fl-24 ta' Awissu 1825: APL, Liber Baptizatorum, vol. iv, f. 277. Hu miet fit-21 ta' Marzu 1869: APL, Liber Defunctorum, vol. v, f. 83. Nirringrazzja lil Dun Ġ. Fenech ta' din l-informazzjoni.

[5] A(rkivju) N(otarili) V(alletta), Nut(ar). A. Frendo Micallef, MS. 845/15, p. 371. Ara Dok. 1B.

[6] *Ibid.*, p. 372. Ara Dok. 1C.

[7] *Ibid.*, pp. 364-370. Ara Dok. 1A.

tagħhom kellu jkun stukkat u ndurat. Darmanin kellu jillesti wkoll ħames lasti u erba' forċini biex l-istatwa tkun tista' tinġarr proċessjonalment sal-15 ta' Lulju 1864.

Skond dan il-ftehim is-somma ta' 100 lira sterlina kellha titħallas għal dan ix-xogħol:

25 lira sterlina wara li jitlesta x-xogħol tal-injam fil-pedestall u l-bradella,

25 lira sterlina wara li jitkompla x-xogħol fuq l-imsemmija statwa, u

50 lira sterlina oħra meta l-istatwa tkun lesta għal kollox u aċċettata minn Mallia u Attard.

Carlo Darmanin intrabat li jtemm kollox sad-data miftehma u f'kas li toħroġ b'xi difett u ma tkunx aċċettabbli kellu jrodd lura l-flus li jkun rċieva bil quddiem. Mallia u Attard intrabtu li jħallsu l-ispejjeż għat-trasport ta' l-istatwa. In-nutar fisser il-kontenut ta' dan il-ftehim bil-Malti lill-partijiet u ġie ffirmat fil-post numru 297, Triq San Pawl, il-Belt Valletta, li kien iservi ta' uffiċċju notarili.

L-istatwa titulari tas-Salvatur tlestiet kif miftiehem. Carlo Darmanin kien irċieva l-ammont kollu dovut ta' 100 lira sterlina sal-4 ta' Lulju 1864.[8] Din is-somma tħallset fi tliet pagamenti - 25 lira nhar id-29 ta' Settembru 1863, 25 lira oħra nhar il-15 ta' Diċembru 1863[9] u l-bilanċ tħallas meta l-istatwa kienet ikkunsenjata u aċċettata b'sodisfazzjon kbir minn Mallia u Attard fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija nhar it-2 ta' Lulju 1864.

Il-pittur Giuseppe Calleja (1828-1915) li aktarx kien għamel id-disinn ta' l-istatwa, u raha tinħadem fl-istil li xtaq,[10] ippubblika artiklu fir-rivista *l'Arte* dwarha:[11]

*L-istatwa tesprimi figura eleganti ta' Kristu, imdawwar minn żewġ persunaġġi f'forma ta' piramida b'mod verament artistiku. U dan għaliex l-iskultura ta' dawn il-personaġġi tagħtihom rappreżentazzjoni ħajja ta' ġisimhom bil-movimenti kollha tiegħu. Il-pjiegi fl-ilbiesi, kuluri armonjużi, espressjoni tal-wiċċ u ta' l-idejn, u dak kollu li jagħmel statwa ħajja li tiġbdek, jagħmluha oġġett ta' arti li tagħti sodisfazzjon kemm lill-artista, Carlo Darmanin, u kemm lil dawk li ordnawha għandu.*

Ma' tul dawn is-snin kollha li għaddew minn fuqha, l-vara tat-Trasfigurazzjoni ġiet renovata u nżebgħat biex tibqa' kapulavur ta' l-arti sagra. It-Tieni Gwerra Dinjija kienet waslet fi tmiemha u l-liturgija reġgħet bdiet tieħu x-xejra devozzjonali li kienet tgawdi qabel il-gwerra qalila. Fl-1947 il-Kappillan Dun Karm Lia ħaseb li jirrestawra l-istatwa għalhekk ikkummissjona lill-artista magħruf ta' dak iż-żmien Antonio Sciortino biex iwettaq dan ix-xogħol.[12] Ta' majestru li kien għamel l-istudji meħtieġa u fehem li l-wiċċ ta' Kristu, bħal dak impitter minn Raffaello kellu jkun majestuż fil-glorja tiegħu, u mhux abjad u xipli kif kien qabel. Għalhekk, Sciortino biddel il-kulur abjad f'wiċċ Kristu u għamlu ħamrani u mimli, iġiblek qima u jfakkrek fil-kobor ta' saltnatu. B'danakollu, sforz it-tgergir tal-poplu u tal-kappillan innifsu, il-kulur reġa' nbidel għall-abjad mill-Kavalier Rafel Bonnici Calì biex jiġi bħal ma kien.

Wara kważi erbgħin sena oħra l-statwa reġgħet ġiet restawrata. Kien fis-sena 1983 meta tlestiet mill-artist Għawdxi Michael Camilleri Cauchi u l-ispejjeż għal dan ir-restawr tħallsu mill-Kumitat tal-Għaqda tan-Nar 'San Mikiel' tar-raħal stess.

**Ftit tagħrif bijoġrafiku u xogħol artistiku ta' Carlo Darmanin**

Carlo, iben Ġiuseppi u Maria née Cumbo, twieled l-Isla nhar it-30 t'Awissu 1825, u żżewweġ lil Anna Ready (bint ġenituri Skoċċiżi) fis-27 ta' Frar 1848 fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Minn dan iż-żwieġ huma

[8] *Ibid.*, MS. 845/19, pp. 1327-1330. Ara Dok. 2A.
[9] *Ibid.*, pp. 1331-1332. Ara Dok. 2B
[10] J. Calleja, *Giuseppe Calleja 1828-1915 The Man The Teacher The Artist*, Malta 1992, 42.
[11] G. C., 'L'Arte Plastica La Trasfigurazione', *L'Arte*, nru. 40, 7 Luġlio 1864.
[12] Wieħed jista' jikseb aktar tagħrif billi jikkonsulta r-rivista, *Villa Lija*, numru 59, 74, 85, 86 u 96. Nirringrazzja lil Dun Ġ. Fenech ta' din l-informazzjoni.



kellhom sittax-il wild - Emmanuele, Francesco, Maria Carmela, Giuseppe, Cesare, Giuseppe, Giovanni, Guglielmo, Gerardo, Maria Josefa, Maria Vittoria, Francesca, Enrico, Lucia, Renaldo u Maria Carmela.[13]

Fl-ewwel snin tiegħu taż-żwieġ baqa' jgħix ġo l-Isla sa kemm iżjed tard mar bil-familja numeruża tiegħu joqgħod fi Strada Rjali, l-Ħamrun. Nhar is-26 ta' Novembru 1909, fl-età ta' 84 sena, Karlu miet ġewwa d-dar tiegħu.

Ġiuseppi, missier Carlo, kellu s-sengħa ta' marmista li kien tgħallimha minn għand żijuh Karlu Duranti, li kien jiġi ħu ommu Maddalena.[14] Għaldaqstant l-ewwel xogħol ta' Carlo kien dak ta' marmista ma' missieru li kien il-proprjetarju tad-ditta *Giuseppe Darmanin e Figli* fejn uliedu subien, anke meta żżewġu, baqgħu jaħdmu. Huwa kien jimporta l-irħam biex jipproduċi xogħlijiet bħal altari, lapidi, monumenti, balavostri u pavimentar għall-knejjes, kummissjonijiet għall-gvern Ingliż u uċuh interzjati tal-irħam għall-imwejjed.[15]

Għalkemm Carlo kien imrawwem fis-sengħa ta' marmista, hu iżjed li baqa' magħruf għall-istatwi li ħadem fit-teknika tal-kartapesta. Dawn huma mfaħħra għal tant ħlewwa, uċuh naturali, sereni u rfinuti, pożi delikati, kuluri (polikromija) ċari, immudellati tajjeb, b'paneġġi puliti, pjiegi kbar u wesgħin li jolqtlu l-għajn u jġiegħluk tiflihom u tammira l-figuri maħduma b'mod naturali f'din is-sengħa tal-kartapesta li kienet ferm popolari ħafna fi żmienu.

Wieħed irid jiftakar li fl-ewwel snin tas-seklu dsatax kien hemm il-Moviment tan-Nazzareni li ħadha kontra l-istil Barokk. Għal dan il-moviment, il-Barokk kien stil pagan u jtellef il-meditazzjoni. Il-pittur Giuseppe Hyzler (1793-1858) kien l-esponent ewlieni ta' dan il-moviment f'Malta.[16] Għalhekk l-artisti li għexu fi żmienu bħal Pietro Paolo Caruana (1794-1852), Tommaso Madiona (1803-1864), Michele Bellanti (1808-1883) u oħrajn bdew jimitawh. Wieħed mill-alljievi ta' Hyzler kien il-pittur Giuseppe Calleja li kiteb kemm-il darba favur ix-xogħolijiet ta' Carlo Darmanin fil-ġurnali u f'xi rivisti.

Tul il-karriera artistika tiegħu, Carlo ħadem statwi titulari (San Leonardu għal parroċċa ta' Ħal Kirkop, San Gejtanu tal-parroċċa tal-Ħamrun, San Ġiljan fil-parroċċa li ġġib ismu u oħrajn), statwi għall-festi sekondarji (il-Madonna ta' Lourdes għal parroċċa tal-Qrendi u San Mikiel għal Ħaż-Żabbar), kif ukoll diversi vari tal-Ġimgħa l-Kbira li nsibu mexerrdin ġewwa diversi parroċċi f'Malta. Ħadem ħafna statwi li sikwit naraw fit-toroq tagħna fil-jiem tal-festi titulari u sekondarji. Għalhekk, Carlo għandu sehem ewlieni fl-istorja ta' l-arti sagra f'pajjiżna mhux biss bħala marmista iżda speċjalment bħala statwarju fix-xogħol kbir fil-kartapesta.

**Dok. 1A**

Ftehim bejn Antonio Mallia u Michele Attard minn Ħal Lija min-naħa l-waħda u l-istatwarju Carlo Darmanin mill-Isla min-naħa l-oħra biex dan jaħdem fil-kartapesta skond il-mudell approvat l-istatwa li tirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu imdawwar minn Mosè u Elija, il-pedestall, il-bradella, ħames lasti u erba' forċini sal-15 ta' Lulju 1864 għall-prezz ta' mitt lira sterlina, il-25 ta' Frar 1863. ANV, Nut. A. Frendo Micallef, MS. 845/15, pp. 364-370.

---

[13] Għal aktar tagħrif bijjografiku u artistiku ta' Carlo Darmanin ara V. Caruana, 'The Art of Papier-Mâché in Malta between the $19^{th}$ and Early $20^{th}$ Centuries: Technical and Art Historical Considerations', (unpublished M. A. thesis, History of Art, University of Malta, 2005); S. Mangion u C. Magro, *Karlu Darmanin Il-Prinċep tal-Istatwarji Ħajtu u Ħidmietu*, Malta 2010; u oħrajn.

[14] Il-familja ta' Duranti kienet magħrufa sew fix-xogħol tal-irħam fis-seklu tmintax. E. F. Montanaro, 'Id-Dekorazzjoni bl-Irħam tal-Kappella tal-Erwieħ fil-Bażilika ta' San Ġorġ (1759-1761),' '*Festi San Ġorġ Għawdex*, Lulju 1987, 27-39; *id.*, '1754: Ħidma tal-Marmista Claudio Durante fil-Bażilika ta' San Ġorġ, *Festi San Ġorġ Għawdex*, Lulju 1989, 23-7; A. Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, iii, Malta 1991, 47, 49, 53, 105 u 113; u J. Debono, 'A Note on the St. John Co-Cathedral Marble Tombstones: The Artisans, Foreign and Maltese', *Melita Historica,*, xii, 4 (1999), 387-401.

[15] K. Hay, 'Mosaic Marble Tables by J. Darmanin & Sons of Malta', *The Journal of the Furniture History Society*, xlvi (2010), 157-88.

[16] Għal aktar dettalji ara J. Debono, 'A Short Note on the Artist Giuseppe Hyzler (1787-1858)', *Melita Historica,* xv, 1 (2008), 55-72.

**[p. 364]** [Fil-marġni] Atto Numero Trentasette.
Istrumento tra Antonio Mallia e Michele Attard e tra Carlo Darmanin

Adi venticinque del mese Febbraro dell'anno
mille ottocento sessantatre, sivè 1863.

Costituiti innanzi a noi Notaro e testimoni sottoscritti avanti i requisiti voluti dalla legge, il commerciante Antonio Mallia, figlio di Michele, e Michele Attard lavorante in pietre, figlio del fù Angelo, li due nati e residenti in Casal Lia da una parte.

Ed il Maestro artista Carlo Darmanin, figlio del fù Giuseppe, nato e residente nella Città Senglea, come abilitato per Decreto dato da sua Eccellenza Reverendissima Monsignor Arcivescovo, Vescovo di questa Diocesi di Malta Fra Gaetano Pace Forno sotto il di cinque Gennaro ultimo mille ottocento sessantatre da inserirsi e registrarsi appiè del presente, dall'altra parte.

Da me Notaro tutti e tre conosciuti, presenti avanti a noi, a mutua istanza e solenne stipulazione tra loro **[p. 365]** seguita, hanno convenuto, e convengono quanto segue cioè

Primo di dover esso Carlo Darmanin, conforme il medesimo promette e si obbliga per ordine e commissione dei detti Antonio Mallia e Michele Attard, i quali danno e conferiscono la commissione ad esso Darmanin di fare una statua rappresentante la Trasfigurazione di Nostro Signore Gesù Cristo con due effigie Mosè ed Elia per la Santa Parrocchiale Chiesa di Casal Lia, giusta, ed a tenor del modello, da eseguirsi in genere di plastica dipinta con olio di noce, e dorata come richiede l'arte, col pedestallo e bradella di legno rosso, o di ponente con bassi rilievi, e diversi ornati di plastica giusta il detto modello esibito dal sudetto Carlo Darmanin ai detti Antonio Mallia, e Michele Attard e da questi accettato da rimanere conservato presso il detto Carlo **[p. 366]** Darmanin per l'esecuzione di detta statua.

Secondo di dover il detto Carlo Darmanin fare i panneggiamenti di detta statua coloriti a tenor di detto modello, e gli ornati del Manto di Cristo, e delle due effigie Mosè ed Elia dorati, i quali dovranno essere di qualità la più fina.

Terzo di dover lo stesso Carlo Darmanin conforme pure promette e si obbliga eseguire il detto lavoro di detta statua, pedestallo e bradella a tenor delle regole dell'arte senza verun difetto o mancamento di sorte alcuna e quelli avere del tutto pronta con tutti gli oggetti necessari per la processione, cioè con cinque laste, e quattro bidenti, e consegnata ai detti Antonio Mallia e Michele Attard nella detta Chiesa Parrocchiale di Casal Lia fino il quindici Luglio secondo venturo mille ottocento sessantaquattro.

**[p. 367]** Quarto di dover i detti Antonio Mallia, e Michele Attard conforme i medesimi spontaneamente e solidariamente Rinunciando il Beneficio della Divisione promettono e si obbligano dare e pagare al detto Carlo Darmanin stipulante, ed accettante la somma di lire sterline cento per ragion di prezzo di detta statua, pedestallo, bradella, legname da manifatturarsi, la plastica, la tinta, l'argentatura, l'indoratura, la mercede del lavoro, e tutt'altro occorrente, e ciò come banco in denari contanti nella Città Valletta , in quanto a lire venticinque dopo terminato il lavoro del legname del detto pedestallo, e bradella, altre lire venticinque dopo che avrà fatto altri lavori in detta statua esso Darmanin, oltre li detti pedestallo e bradella, ed il loro prezzo oltrepassanti a dette lire venticinque, ed in quanto alle restante lire **[p. 368]** cinquanta subito eseguita e terminata senza alcun mancamento ma a perfezione la detta statua, pedestallo e bradella, e consegnata da esso Darmanin ai detti Mallia ed Attard nel sopra stabilito locale unitamente a cinque laste e quattro bidenti, ossia forcine.

Patto che non consegnando il detto Carlo Darmanin ai detti Antonio Mallia, e Michele Attard la detta statua del tutto pronta à perfezione nel sopra stabilito termine e locale, allora, ed in tale caso i medesimi Mallia ed Attard potranno rifiutare l'accettazione di detta statua, ed in caso di tale rifiuto, esso Darmanin dovrà come promette restituire e pagare ai detti Mallia ed Attard tutte quelle somme dallo stesso Darmanin ricevute in conto delle dette lire cento immediatamente a tale rifiuto, e non altrimenti.

Più che la spesa del trasporto di detta statua dovrà farsi dai detti Mallia ed Attard, e dovrà rimanere tale spesa **[p. 369]** a loro carico.

I detti contraenti per le quali cose tutte sopra dette convenute, e patteggiate ogniuno per la sua parte promettono di osservare nè alle medesime contradire, ed opporsi e ciò sotto la generale ipoteca dei loro beni presenti e futuri. Cerziorati i detti contraenti da me Notaro infrascritto di tutto il contenuto nel presente spontaneamente annuirono allo stesso pienamente.

Il detto Michele Attard dichiara di non saper scrivere dovendo tale sua dichiarazione secondo la legge tenere luogo di sottoscrizione.

Fatto e stipulato in Malta e pubblicato in lingua Maltese da me Notaro infrascritto nel mio ufficio Notariale posto in questa Città Valletta nella Strada San Paolo al Numero duecento novantasette ai detti contraenti in presenza dei qui appiè firmati due signori testimoni non **[p. 370]** essendo i medesimi secondo il loro detto nè congiunti, e nè affini di detti contraenti nei gradi dalla legge contemplati e sono il Negoziante Signor Antonio Pisani, figlio del fù Signor Giuseppe nato e residente nella Valletta, ed il Signor Giuseppe Aloisio, figlio del Signor Salvatore, nato nella Floriana, e residente nella Valletta.

Antonio Mallia
Carlo Darmanin
Antonio Pisani testimonio
Giuseppe Aloisio testimonio
Così è
Annunziato Frendo Micallef Notaro Pubblico Maltese.

Il tenore di detto inserto Decreto di Monsignor Vescovo e precedente ricorso di Carlo Darmanin è il seguente cioè:

**Dok. 1B**

Carlo Darmanin jippreżenta rikors lill-Isqof f'Diċembru 1862 f'isem Antonio Mallia u Michele Attard biex ikun jista' jaħdem l-istatwa li tirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu għall-Parroċċa ta' Ħal Lija skond il-mudell. Għal din it-talba l-Isqof jitlob il-kumment tal-kappillan. *Ibid.*, p. 371.

**[p. 371]** Da registrarsi

Eccellenza Reverendissima

Carlo Darmanin riverentemente espone d'essere stato incaricato dal Negoziante Antonio Mallia, e dal Maestro Michele Attard di fare una statua rappresentante la Trasfigurazione di Nostro Signore Gesù Cristo per la Santa Parrocchiale Chiesa di Casal Lia giusta il presente modello, perciò prega Vostra Eccellenza Reverendissima perchè si degni accordargli l'opportuno permesso.

**[p. 372]**
Parochus super expositis nobis referat.
Datum Vallettae in Palatio Archiepiscopali die 30 Dicembris 1862.
F. C. Archiepiscopus Episcopus Melitae.

**Dok. 1C**

Ir-risposta tal-kappillan bi tweġiba lill-Isqof u l-approvazzjoni tiegħu, fil-5 ta' Jannar 1863. *Ibid.*, p. 372.

[p. 372] Eccellenza Reverendissima

Per ubbidire alli veneratissimi ordini dell'Eccellenza Vostra Reverendissima sono a riferire, d'aver letto la supplica presentata dal Maestro Carlo Darmanino, ed essere di parere che sia abilitato per l'indicato effetto ma che la detta statua non si potrà portare, se non sarà sodisfatto l'intiero suo costo, che si dovrà regalare alla chiesa, e li contribuenti rinunzino a qualunque diritto di proprieta, che nella processione si dovrà portare dalli Confratelli del Santissimo Sacramento, e riferendo tutto ciò al savio parere dell'Eccellenza Vostra Reverendissima più dico con tutta stima.
Dall'Eccellenza Vostra Reverendissima
Casal Lia 2 Gennaio 1863.
Umilissimo Servitore, e Suddito
Salvatore Parnis Parrocus

Attentis relatis, fiat ut petitur. Datum Vallettae in Palatio Archiepiscopali die 5 Januarii 1863.
F. C. Archiepiscopus Episcopus Melitae.
Firmato il di venticinque Febbraro mille otto cento sessanta tre.
Antonio Mallia
Carlo Darmanin
Antonio Pisani testimonio
Giuseppe Aloisio testimonio
Annunziato Frendo Micallef Notaro Pubblico Maltese.

## Dok. 2A

Carlo Darmanin jiddikjara li rċieva mingħand Antonio Mallia u Michele Attard is-somma ta' mitt lira - 50 lira sterlina ma' din l-irċevuta u l-50 lira l-oħra b'żewġ skritturi privati ta' 25 lira l-waħda - għall-istatwa li tirrappreżenta t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu flimkien ma' Mosè u Elija, il-pedestall, bradella, żebgħa, indoratura u xogħol ieħor, l-4 ta' Lulju 1864. *Ibid.*, MS. 845/19, pp. 1327-1330.

**[p. 1327]** [Fil-marġni] Atto Numero cento ventisei.
Quittanza fatta da Carlo Darmanin contra Antonio Mallia e Michele Attard

Adi quattro del mese Luglio dell'anno
mille ottocento sessantaquattro, sivè 1864.

Nel nome del Signore Iddio così sia.
Costituito personalmente innanzi a noi Notaro e testimoni il Maestro Artista Carlo Darmanin, figlio del fù Giuseppe, nato e residente nella Città Senglea, da me Notaro conosciuto, spontaneamente dice e dichiara di aver avuto e ricevuto dal commerciante Antonio Mallia, figlio di Michele, e Michele Attard lavorante in pietre, figlio del fù Angelo, li due nati e residenti in Casal Lia, da me Notaro pure conosciuti, presenti innanzi a noi, stipulanti la somma di lire sterline cento, in quanto a lire sterline cinquanta in denari contanti Rinunciando il Beneficio non numerata pecunia, cioè lire venticinque nel di ventinove Settembre, e lire venticinque nel di quindici Dicembre ultimi **[p. 1328]** mille ottocento sessantatre, come da due ricevute private da conservarsi solamente tra le minute degli atti miei, ed in quanto a lire cinquanta presenzialmente avanti a noi in moneta d'argento.
E sono le dette lire sterline cento in pagamento di simile somma al detto Carlo Darmanin dovuta dai detti Antonio Mallia e Michele Attard per prezzo della statua rappresentante la Trasfigurazione di Nostro Signore Gesù Cristo con due effigie Mosè ed Elia per la Santa Parrocchiale [Chiesa] di Casal Lia, piedestallo, bradella,



legname, plastica, tinta, argentatura, indoratura, mercede ed altro, che detto Carlo Darmanin si obbligo di fare per ordine, e commissione dei suddetti Antonio Mallia, e Michele Attard per atti miei il di venticinque Febbraro mille ottocento sessantatre, e consegnarla **[p. 1329]** fino il quindici Luglio corrente, conforme già trovasi da esso Darmanin consegnata il di due Luglio corrente ai detti Mallia ed Attard in detta Santa Chiesa Parrocchiale di detto Casale Lia, e dai medesimi Mallia ed Attard ricevuta, ed accettata di loro piena soddisfazione conforme i medesimi dichiarano e non altrimenti.
Dichiara il detto Carlo Darmanin di non aver veruna altra pretensione sulla detta statua contro i detti Mallia ed Attard, nè questi contro quello, e quindi fanno una finale e reciproca quittanza.
Cerziorati i detti contraenti da me Notaro infrascritto di tutto il contenuto nel presente, spontaneamente annuirono allo stesso pianamente, ed in tutte le sue parti.
Il detto Michele Attard dichiara di non saper scrivere, devendo tale sua dichiarazione secondo la legge tenere luogo di sottoscrizione.
**[p. 1330]** Fatto e stipulato in Malta e pubblicato in lingua Maltese da me Notaro infrascritto nel mio ufficio Notariale posto in questa Città Valletta nella Strada San Paolo al Numero duecento novantasette, ai detti contraenti in presenza dei qui appiè firmati due signori testimoni non essendo i medesimi secondo il loro detto nè congiunti, e nè affini di detti contraenti nei gradi dalla legge contemplati e sono lo scrittorale Signor Giuseppe Aloisio, figlio del Signor Salvatore, nato nella Floriana e residente nella Valletta, ed il Signor Matteo Naudi Benestante, figlio del fù Signor Salvatore, nato e residente nella Valletta.

Carlo Darmanin
Antonio Mallia
Matteo Naudi testimonio
Giuseppe Aloisio testimonio
Così è
Annunziato Frendo Micallef Notaro Pubblico Maltese.

**<u>Dok. 2B</u>**

Iż-żewġ skritturi privati ta' 25 lira l-waħda. *Ibid.*, pp. 1331-1332.

**[p. 1331]** Valletta 29 Settembre 1863.
Ricevo da Antonio Mallia e Michele Attard lire sterline venticinque acconto di lire cento per prezzo della statua rappresentante la Trasfigurazione di Nostro Signore Gesù Cristro con due effigie Mosè ed Elia per la Santa Parrocchiale Chiesa di Casal Lia che detto Carlo Darmanin si obbligo fare per atti del Notaro Annunziato Frendo Micallef il di 25 Febraro 1863 dico. £ 25
Carlo Darmanin

**[p. 1332]** 15 Dicembre 1863.
Ricevo da Antonio Mallia e Michele Attard lire sterline venticinque acconto di lire cento per prezzo della statua controscritta per la Santa Parrocchiale [Chiesa] di Casal Lia, giusto il contratto del di 25 Febbraro ultimo in atti del Notaro Annunziato Frendo Micallef £ 25
Carlo Darmanin

Firmati il di quattro Luglio mille otto cento sessanta quattro.
Carlo Darmanin
Antonio Mallia
Matteo Naudi testimonio
Giuseppe Aloisio testimonio
Annunziato Frendo Micallef Notaro Pubblico Maltese.